32004R0427

L 70/24 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 9.3.2004

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 427/2004 ta' l-4 ta' Marzu, 2004 li jiffissa l-prezzijiet għal ċerti prodotti tas-sajd għas-sena tas-sajd 2004

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru, 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti mis-sajd u l-akkwakultura ([1]), u partikolarment l-Artikolu 29(1) u (5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 jistabbilixxi illi l-prezzijiet ta' referenza validi għall-Komunità jistgħu jiġu ffissati kull sena, bil-kategorija ta' prodotti, għal prodotti li huma s-suġġett ta' tariffa ta' sospensjoni skond l-Artikolu 28(1). L-istess jgħodd ghal prodotti li, bis-saħħa li jkunu jew is-suġġett ta' tariffa li torbot ta' riduzzjoni ta' taħt it-WTO jew xi arranġamenti oħra preferenzali, għandhom iħarsu prezz ta' referenza.

(2) Għal prodotti mniżżla fl-Anness tagħha I(A) u (B) mar-Regolament (KE) Nru 104/2000, il-prezz ta' referenza huwa l-istess bħal prezz irtirat skond l-Artikolu 20(1) ta' dak ir-Regolament.

(3) Il-prezzijiet tal-Komunità ta' irtirar u bejgħ għal prodotti konċernati huma ffissati għas-sena tas-sajd 2004 bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 425/2004 ([2]).

(4) Il-prezz ta' referenza għal prodotti barra dawk imniżżla fl-Anness I u II tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 huwa stabbilit fuq il-bażi tal-peżati minn daqqa għall-oħra tal-valuri tad-dwana reġistrati fuq l-importazzjoni mqegħedha fis-suq jew fil-portijiet ta' importazzjoni fit-tliet snin li jiġu immedjatament qabel id-data li fiha jiġi ffissat il-prezz ta' referenza.

(5) Ma hemmx ħtieġa li jiffissaw il-prezzijiet ta' referenza għall-ispeċi kollha li huma koperti bil-kriterji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 104/2000, u partikolarment mhux għal dawk importati minn pajjiżi terzi fi kwantitajiet insinjifikanti.

(6) Il-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti mis-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet ta' referenza għas-sena ta' sajd 2004 tal-prodotti tas-sajd kif previst skond l-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 huma mniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' Marzu, 2004.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 17, 21.01.00, pġ. 22.
([2]) Ara paġna 14 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*ANNESS* (*)

1. **Prezzijiet ta' referenza għall-prodotti msejħa fl-Artikolu 29(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000**

| Speċi: | Daqs (1) | Prezz ta' referenza (EUR/tunnellata metrika) | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Imsewwi, bir-ras (1) | | Ħuta sħiħa (1) | |
| | | Kodiċi addizzjonali TARIĊ | Extra, A (1) | Kodiċi addizzjonali TARIĊ | Extra, A (1) |
| Aringa tal-*Clupea harengus* l-ispeċi ex 0302 40 00 | 1 | | — | F011 | 125 |
| | 2 | | — | F012 | 192 |
| | 3 | | — | F013 | 182 |
| | 4a | | — | F016 | 115 |
| | 4b | | — | F017 | 115 |
| | 4c | | — | F018 | 240 |
| | 5 | | — | F015 | 214 |
| | 6 | | — | F019 | 107 |
| L-ispeċi fil-ġeneru (*Sebastes* spp.) ex 0302 69 31 u ex 0302 69 33 | 1 | | — | F067 | 953 |
| | 2 | | — | F068 | 953 |
| | 3 | | — | F069 | 800 |
| Merluzz ta' l-ispeċi *Gadus morhua* ex 0302 50 10 | 1 | F073 | 1 174 | F083 | 848 |
| | 2 | F074 | 1 174 | F084 | 848 |
| | 3 | F075 | 1 109 | F085 | 652 |
| | 4 | F076 | 881 | F086 | 489 |
| | 5 | F077 | 620 | F087 | 359 |
| | | Mgħolli fl-ilma | | Frisk jew imkessaħ | |
| | | Kodiċi addizzjonali TARIĊ | Extra, A (1) | Kodiċi addizzjonali TARIĊ | Extra, A (1) |
| Gambli kbar ta' l-ilma fond (*Pandalus borealis*) ex 0306 23 10 | 1 | F317 | 4 936 | F321 | 1 115 |
| | 2 | F318 | 1 731 | — | — |

(1) Il-kategoriji ta' kemm ikun frisk, tad-daqs u tal-presentazzjoni huma dawk stabbiliti skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000.

2. **Prezzijiet ta' referenza għall-prodotti tas-sajd imsejħa fl-Artikolu 29(3)(d) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000**

| Prodott | Kodiċi addizzjonali TARIĊ | Presentazzjoni | Prezz ta' referenza (EUR/tunnellata metrika) |
|---|---|---|---|
| 1. L-ispeċi (Sebastes spp.) | | Sħiħ: | |
| ex 0303 79 35<br>ex 0303 79 37 | F411 | — bir-ras jew mingħajr ir-ras | 941 |
| | | Fetti: | |
| ex 0304 20 35<br>ex 0304 20 37 | F412 | — bl-għadam ("standard)" | 1 896 |
| | F413 | — mingħajr għadam | 2 139 |
| | F414 | — blokki f'imballaġġ immedjat li ma jiżnux iktar minn 4 kg | 2 263 |

(*) Il-kodiċi addizzjonali li għandu jissemma għal kategoriji kollha barra dawk imsejħa espliċitament fil-punti 1 u 2 ta' l-Anness huwa "F499: L-ieħor".

| Prodott | Kodiċi addititzzjonali TARIĊI | Presentazzjoni | Prezz ta' referenza (EUR/ tunnellata metrika) |
|---|---|---|---|
| 2. Merluzz (*Gadus morhua, Gadus ogac u Gadus macrocephalus*) u ħut ta' l-ispeċi Boreogadus saida | | | |
| ex 0303 60 11, ex 0303 60 19, ex 0303 60 90, ex 0303 79 41 | F416 | Sħiħ, bir-ras jew mingħajr ir-ras | 1 084 |
| | | Fetti: | |
| ex 0304 20 29 | F417 | — bl-inkluzzjoni ta' weraq bejniethom jew fi blokki industrijali, bl-għadam ("standard)" | 2 428 |
| | F418 | — bl-inkluzzjoni ta' weraq bejniethom jew fi blokki industrijali, mingħajr għadam | 2 746 |
| | F419 | — fetti individwali jew bl-inkluzzjoni ta' weraq bejniethom mingħajr ġilda | 2 602 |
| | F420 | — individual or fully interleaved fillets, without skin | 2 973 |
| | F421 | — blokki f'imballaġġ immedjat li ma jiżnux iktar minn 4 kg | 2 932 |
| ex 0304 90 38 | F422 | Bċejjeċ u laħam ieħor, barra minn blokki ta' ikkappuljat | 1 378 |
| 3. Saithe (*Pollachius virens*) | | Fetti: | |
| ex 0304 20 31 | F424 | — bl-inkluzzjoni ta' weraq bejniethom jew fi blokki industrijali bl-għadam ("standard)" | 1 518 |
| | F425 | — bl-inkluzzjoni ta' weraq bejniethom jew fi blokki industrijali, mingħajr għadam | 1 672 |
| | F426 | — fetti individwali jew l-inkluzzjoni ta' weraq bejniethom bil-ġilda | 1 476 |
| | F427 | — fetti individwali jew bl-inkluzzjoni ta' weraq bejniethom, mingħajr ġilda_ | 1 715 |
| | F428 | — blokki f'imballaġġ immedjat li ma jiżnux iktar minn 4 kg | 1 769 |
| ex 0304 90 38 | F429 | Bċejjeċ u laħam ieħor, barra minn blokki ta' l-ikkapuljat | 987 |
| 4. bakkaljaw (*Melanogrammus aeglefinus*) | | Fetti: | |
| ex 0304 20 33 | F431 | — bl-inkluzzjoni ta' weraq bejniethom jew fi blokki industrijali bl-għadam ("standard)" | 2 310 |
| | F432 | — bl-inkluzzjoni ta' weraq bejniethom u oħra jew fi blokki industrijali, mingħajr għadam | 2 686 |
| | F433 | — fetti individwali jew sħaħ bl-inkluzzjoni ta' weraq bejniethom bil-ġilda | 2 537 |
| | F434 | – fetti individwali jew sħaħ bl-inkluzzjoni ta' weraq bejniethom, mingħajr ġilda | 2 794 |
| | F435 | — blokki f'imballaġġ immedjat li ma jiżnux iktar minn 4 kg | 2 960 |
| 5. Alaska pollack (*Theragra chalcogramma*) | | Fillets: | |
| ex 0304 20 85 | F441 | — bl-inkluzzjoni ta' weraq bejniethom jew fi blokki industrijali, bl-għadam ("standard)" | 1 159 |
| | F442 | — b l-inkluzzjoni ta' weraq bejniethom jew fi blokki industrijali mingħajr għadam | 1 324 |
| 6. Aringa (*Clupea harengus, Clupea pallasii*) | | bċejjeċ ta' l-arangi | |
| ex 0304 10 97 | F450 | — li jeċċedu t-80 g kull biċċa | 500 |
| ex 0304 90 22 | F450 | — li jeċċedu t-80 g kull biċċa | 455 |